**1 ta' Ottubru, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Nazzareno Cassar

*versus*

Benjamin *sive* Benny Micallef

**Proċediment Sommarju – Notifika taċ-Ċitazzjoni – Żmien għat-Taħrika – Il-Ġurament mad-Dikjarazzjoni fil-Proċediment Sommarju Speċjali**

*Iċ-ċitazzjoni li hemm referenza għaliha fl-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandha tkun innotifikata fi żmien jumejn tax-xogħol.*

*Il-konvenut għandu jitħarrek biex jidher minn ġurnata għal oħra u fl-ebda każ aktar tard minn jumejn tax-xogħol min-notifika taċ-ċitazzjoni.*

*Id-dikjarazzjoni bil-ġurament li skond l-artikolu 167 takkompanja ċ-ċitazzjoni fil-proċediment sommarju speċjali, għandha tiġi maħlufa quddiem l-uffiċjal pubbliku li normalment jagħti l-ġurament f'każ ta' affidavits.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur ippreżentata fil-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili, li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-*provvedimenti* opportuni; peress illi bi skrittura tat-2 ta' Marzu, 1984, il-*kontendenti* għamlu ftehim ta' xiri u bejgħ ta' żiemel *'trotter'* Franċiż jismu *'Kasbel'* bil-prezz ta' erbat elef lira (Lm4,000) li minnhom elfejn lira (Lm2,000) tħallsu fuq l-iskrittura mill-konvenut lill-attur u l-bilanċ kellu jitħallas fl-10 ta' April, 1984 (Dokument A); U peress illi fid-9 ta' Marzu, 1984, dan iż-żiemel ġie kkunsinnat lill-konvenut li telqu ma' żwiemel oħra; iżda qed jippretendi *li ma jħallasx* il-bilanċ anzi jrid dak li ħallas lura; u peress illi d-debitu tal-konvenut issa hu ċert, likwidu u *dovut u hemm* lok li jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; talab li dik il-Qorti (1) taqta' u tiddeċidi l-kawża *ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u ċjoè bid-dispensa tas-smigħ; (2) dik il-Qorti tgħaddi biex tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn lira (Lm2,000) bilanċ tal-prezz taż-żiemel fuq imsemmi kif fuq intqal mibjugħ lilu u kkonsenjat u dana bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża; bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Ġunju, 1984, u bl-imgħaxijiet skond il-liġi kontra l-konvenut;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ottubru, 1984, li biha fil-kontumaċja tal-konvenut iddeċidiet billi laqgħet it-talbiet bl-ispejjeż u dana wara li rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament innotifikata lill-konvenut li naqas li jidher biex iwieġeb għat-talba ta' l-attur u wara li semgħet lix-xhieda ta' l-attur u wara li kkunsidrat *li* mill-provi *mhux* kontradetti t-talbiet jirriżultaw ippruvati;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fit-22 ta' Ottubru, 1984;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess konvenut ippreżentata fis-7 ta' Novembru, 1984, li biha għar-raġunijiet hemm sottomessi talab li din il-Qorti tannulla s-sentenza fuq imsemmija ta' l-ewwel Qorti u lattijiet jiġu rinvjati quddiemha biex jinstemgħu il-provi u fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' nullità tas-sentenza huwa jiġi ammess iġib il-provi tiegħu quddiem din il-Qorti u hekk tiġi rrevokata l-istess sentenza tat-12 ta' Ottubru, 1984, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appellat Nazzareno Cassar ippreżentata fid-29 ta' Novembru, 1984;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut appellant qiegħed jissottometti fl-ewwel lok illi s-sentenza appellata hija nulla billi ma ġewx segwiti d-disposizzjonijiet tal-liġi relattivi għall-proċediment sommarju speċjali kkontemplat fl-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u kwindi l-ewwel Qorti ma setgħetx tiddeċidi l-kawża *ai termini* ta' l-artikolu 167 kif fil-fatt għamlet;

Minn eżami tal-proċess jidher li l-imsemmija sottomissjoni li ma ġewx segwiti d-disposizzjonijiet tal-liġi relattivi għall-proċediment sommarju speċjali hija fondata. Infatti skond l-artikolu 169 fiċ-ċitazzjoni għandha tkun innotifikata lill-konvenut fiż-żmien ta' jumejn tax-xogħol mentri fil-każ preżenti ċ-ċitazzjoni, li kienet ġiet ippreżentata fil-15 ta' Ġunju, 1984, fil-fatt ġiet innotifikata biss fit-18 ta' Awissu, 1984 – ferm wara l-imsemmija jumejn tax-xogħol;

Hekk ukoll skond l-imsemmi artikolu 169, il-konvenut, fl-imsemmi proċediment sommarju speċjali, *għandu jiġi mħarrek* biex jidher minn ġurnata għal oħra u fl-ebda każ aktar tard minn jumejn tax-xogħol min-notifika taċ-ċitazzjoni jekk *ikun joqgħod* (bħal fil-każ preżenti fl-istess gżira fejn toqgħod il-Qorti li quddiemha tinġieb il-kawża. Fil-fatt il-konvenut appellant ġie mħarrek biex jidher fit-2 ta' Ottubru, 1984, ferm wara t-terminu ta' jumejn min-notifika taċ-ċitazzjoni li avverat ruħha, kif ġà ngħad, fit-18 ta' Awissu, 1984. F'dan ir-rigward jiġi osservat ukoll illi għalkemm l-ordni ta' l-appuntament tal-kawża ma fihx data, eppure mill-avviż għas-smigħ jidher ċar li l-kawża ġiet hekk appuntata għat-2 ta' Ottubru, 1984, fit-18 ta' Ġunju, 1984, ċjoè qabel in-notifika tal-konvenut appellant – ċirkostanza dina li, fil-fehma tal-Qorti, turi li l-ewwel Qorti *ab ovo* ma kinitx qiegħda ssegwi l-imsemmi proċediment sommarju speċjali;

Hemm nuqqas ieħor li l-Qorti tixtieq tirrileva. Id-dikjarazzjoni bil-ġurament li għandha, skond l-artikolu 167 takkompanja ċ-ċitazzjoni fil-proċediment sommarju speċjali, ġiet maħtufa quddiem ir-Reġistratur tal-Qrati. Dan, fil-fehma tal-Qorti, ma setax isir. L-imsemmija dikjarazzjoni bil-ġurament għandha tiġi distinta mid-dikjarazzjoni kkontemplata fl-artikolu 155(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li għandha takkompanja ċ-ċitazzjoni fil-proċeduri ordinarji u li għandha tkun ikkonfermata bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur. Dan l-uffiċjal m'huwiex mogħti mil-liġi l-fakoltà li jagħti l-ġurament fil-każ tad-dikjarazzjoni kkontemplata fl-artikolu 167. L-emendi għall-artikolu 155 introdott bl-Att XXVIII ta' l-1979, li bih hu ġie mogħti l-fakoltà li jagħti l-ġurament fil-każ ta' dikjarazzjoni li takkompanja ċitazzjoni fi proċeduri ordinarji, ma ġiet bl-ebda mod estiża għall-artikolu 167 u d-disposizzjonijiet segwenti li jirregolaw l-imsemmi

proċediment sommarju speċjali li baqgħu mhux mittiefsa bl-imsemmija emendi u għalhekk id-dikjarazzjoni f'dan il-proċediment sommarju speċjali għandha tiġi maħlufa quddiem l-uffiċjal pubbliku li normalment jagħti l-ġurament f'każ ta' *''affidavits''* bħal ma ġiet hekk maħlufa qabel l-imsemmija emendi. Għal din ir-raġuni wkoll ma jistax jingħad li ġiet segwita l-proċedura kkontemplata fl-imsemmi proċediment sommarju speċjali;

Issa kif ġie ritenut minn din il-Qorti, kif illum ikkostitwita, fil-kawża: ''Dr. Joseph A. Schembri *nomine vs* Joseph Said'', fit-23 ta' Jannar, 1985, meta ma jiġix osservat wieħed mit-termini kkontemplat fl-artikolu 169, l-ewwel Qorti ma tistax issegwi iżjed il-proċediment sommarju speċjali u għandha tiddifferixxi l-kawża sabiex tagħti żmien skond il-proċedura normali għalbiex il-konvenut jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu skond il-liġi. Dan japplika wkoll fil-fehma tal-Qorti f'każ meta ċ-ċitazzjoni tkun akkompanjata mid-dikjarazzjoni kkontemplata fl-artikolu 167 li però ma tkunx maħlufa skond il-liġi;

Għalhekk fil-każ preżenti l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut appellant li s-sentenza appellata hija nulla u kwindi ma tarax li hemm il-ħtieġa li teżamina s-sottomissjonijiet l-oħra li saru f'dan l-appell;

Għal dawn il-motivi l-Qorti, tiddisponi mill-Appell billi tiddikjara nulla s-sentenza appellata u tibgħat lura l-atti tal-kawża mill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.